**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 136/18 AGV**

A , li b'digriet tal-5 ta' Settembru, 2018 l-isem "A" giet korrett ghal "A1".

vs

B , C u l-istess C li nhatret bhala kuratrici ad litem ghall-minuri D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku b'digriet tas-26 ta' Gunju, 2018.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent, ipprezentat fil-25 ta' Mejju, 2018 , li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi fit-tnax (12) ta' Novembru , tas-sena elfejn u sittax (2016) , fl-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq , Msida , twieldet tifla u cioe' D minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta C mart il-konvenut B;

2. Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri B gie ndikat bhala l-missier it-tarbija senjatament taht il-kolonna "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-missier."
3. Illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri skond DNA Paternity Test Report maghmul minn Dottor Marisa Cassar nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax u jirrizulta illi t-tifla D hija fil-fatt bintu;

Ghaldaqstant, l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jiddikjaraw ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-missier naturali ta' D li twieldet fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) minn relazzjoni bejn l-attur u konvenuta C;
2. Tordna illi c-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri li jgib in-numru ta' registrazzjoni 6586/2016 jigi korrett fis-sens billi fil-kolonna "isem u kunjom" il-kliem B jigu sostitwiti bil-kliem "A." Fil-kolonna d-dokument tal-identita' l-kliem 1470/2002 Maltese Marriage Act no." jigi sostitwit bin-numru "74870A Maltese ID card number." Fil-kolonna "eta' tal-missier" in-numru "40" jigi sostitwit bi "28." Fil-kolonna "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem " B (haj) jigu sostitwiti bil-kliem "A (haj)."
3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjoni hawn fuq imsemmija a tenur tal-ligi kull fejn mehtieg fic-certifikat tat-twelid numru ta' registrazzjoni 6586/2016.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa;-

1. Illi preliminarjament l-esponent jecepixxi illi l-attur ma ddikjarax abbazi ta' liema artikolu qed tigi msejsa l-azzjoni odjerna. Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent ikun idoneju illi l-attur jiddikjara dan, filwaqt li bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jirrileva li jissoleva eccezzjonijiet ulterjuri u dan jekk ikun il-kaz;
2. Illi bla pregudizzju ghal premess u preliminarjament ukoll, l-esponent jecepixxi illi din l-azzjoni hija wahda intempestiva u dan ghas-segwenti ragunijiet. Mill-qari tar-rikors guramentat jidher ampjament car illi s-sitwazzjoni *de quo* si tratta minuri li giet

imnissla u mwieghda fiz-zwieg. Ghaldaqstant kien jehtieg mill-attur illi ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jottjeni l-awtorizzazzjoni necessarja minn din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun f'posizzjoni li jkun jista' jipprocedi bil-kawza ta' dikjarazzjoni ta' paternita' u dan gialadarba tali azzjoni ma gietx mibdija entro t-terminu ta' sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri;

3. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi ghandha tigi meghluba l-presunzjoni legali mahluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement ghal din l-Onorabbli Qorti jigi ppruvat li l-pussess ta' stat tal-minuri D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha.
4. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost u fil-mertu, l-esponent jissottometti illi ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.
5. Illi stante li din hija kawza ta' dikjarazzjoni ta' paternita', l-esponent jirrileva sabiex tirnexxi din l-azzjoni, l-attur ghandu jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri D, il-konvenuta C kienet wettqet adulterju mal-attur A u *di piu'* ghandu jipprova ukoll xi fatt iehor li jistghu ikunu testijiet genetici li jeskludu lil B, ir-ragel tal-konvenuta C, bhala l-missier naturali tal-imsemmija D.
6. Illi l-esponent ha konjizzjoni tar-rapport tat-Test Genetiku mahrug minn Dr. Marisa Cassar, liema rapport jikkonferma illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri. Madanakollu, f'dan l-istadju jonqos illi l-imsemmi rapport jigi mahluf minn Dr. Cassar stess.
7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jiddikjara li ha konjizzjoni tal-informazzjoni ta' A, liema informazzjoni fl-eventwalita' opportuna tigi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri li ghandu n-numru progressive 6586 tas-sena 2016.
8. Illi subordinatament, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghnadhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru progressive 6586 tas-sena 2016.
9. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi D a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti.
11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-intimati B u C fejn iddikjaraw li mhumiex jikkontestaw il-fatti kif dedotti fir-rikors mahluf.

Rat ir-rikors datat 30 ta' Awwissu, 2018 ipprezentat mir-rikorrent li talab awtorizzazzjoni mill-Qorti sabiex jipprezenta rikors guramentat ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex l-esponenti jitnizzel bhala missier il-minuri D li twieldet fit-12 ta' Novembru, 2016 minflok B, liema rikors gie milqugh fil-5 ta' Settembru, 2008.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li spjega li hu kellu relazzjoni ma' C, waqt li din kienet ghadha mizzewwga lil B. Minn dina r-relazzjoni, kellhom relazzjoni intima u twieldet tarbija D, fit-12 ta' Novembru, 2016 fl-Isptar Mater Dei. Ir-rikorrent jistqarr li sar jaf li huwa l-missier naturali tal-minuri D malli l-intimata C welldet l-istess minuri. Ighid li kienet tghidlu li kienet ser tissepara minn mar-ragel ghax kellhom l-inkwiet u ghalhekk ghazel li jistenna sakemm isseparaw. Pero' wasal f'punt fejn ma setghax jistenna aktar u kien iddecieda, wara li ha parir legali, li jiftah dina l-kawza.

Wara li ghamel DNA Paternity Test ghand Dr. Marisa Cassar fil-25 ta' April, 2018, l-istess test kien ikkonfermah bhala l-missier naturali tat-tifla minuri. Minn dakinhar li gie kkonfermat bhala missier l-minuri, wara li saru dawn it-testijiet, kien beda jara lill-bintu u cioe' minn April, 2018.

Peress li fuq ic-certifikat tat-twelid numru 6586/2016 tal-minuri D, fil-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" hemm imnizzel B, hu qed jitlob li dan l-istess certifikat jigi korrett fis-sens:-

(i) “fil-kolonna “Isem u Kunjom” il-kliem B jigu sostitwiti bil-kliem A;”

(ii) Fil-kolonna “eta’ tal-missier” in-numru “40” jigi sostitwit bi “28”;

(iii) Fil-kolonna “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” il-kliem “B (haj) jigu sostitwiti bil-kliem “A (Haj).”

Rat in-nota ta’ C, datata 22 ta’ Ottubru, 2018, li permezz taghha ipprezentat affidavit b’riferenza ghall-eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku dwar il-pussess ta’ stat.

Rat l-atti kollha;

__**Ikkunsidrat;**__

**Il-Fatti**

Ir-rikorrent kellu relazzjoni mal-intimata C u minn dina r-relazzjoni kienet harget tqila. Ir-rikorrent jispjega illi f’dak iz-zmien l-intimata kienet ghadha qed tghix mar-ragel taghha B u minkejja kemm il-darba kienet wieghdet lir-rikorrent li kienet ser tibda bil-proceduri ta’ separazzjoni kontra zewgha, dan baqghet m’ghamlitux. Kien biss wara li l-intimata welldet it-tarbija fit-12 ta’ Novembru, 2016 li kien sar jaf li kien il-missier naturali u biologiku tal-minuri D u bhala konferma ta’ dan kien assoggetta ruhu ghad-DNA Paternity test ghand Dr. Marisa Cassar fil-25 ta’ April, 2018, liema test ikkonferma li l-minuri D hija bintu naturali. Dan hu kkonfermat ukoll bl-affidavit tal-konvenuta C, u jidher li hu accettat ukoll mill-konvenut l-iehor B.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku qajjem diversi eccezzjonjiet preliminari, li jridu jigu ssorvolati qabel ma’ din il-Qorti tkun tista’ tghaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-kaz.

**L-Ewwel Eccezzjoni**

Huwa minnu li r-rikorrent ma ddikjarax precisament taht liema disposizzjoni tal-ligi qed jaghmel l-azzjoni tieghu. Madanakollu, permezz ta' rikorsipprezentat fit-30 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrent talab awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi b'kawza ai termini tal-Artikolu 77C tal-Ligijiet ta' Malta u dan isostni aktar li l-proceduri li fuqhom qed jibbaza l-azzjoni tieghu r-rikorrent huma cari daqs il-kristall proceduri tipici ta' kawza ta' denegata paternita'. Hu ghalhekk din l-istess eccezzjoni giet sorvolata.

**It-Tieni Eccezzjoni**

Kif diga' rrilevat aktar 'l fuq, fit-30 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrent kien ipprezenta rikors biex jigi awtorizzat jipprocedi dina l-kawza skond id-disposizzjoni 77C tal-Ligijiet ta' Malta, liema rikors kien gie milqugh minn dina l-Qorti fil-5 ta' Settembru, 2018 u ghalhekk din l-istess eccezzjoni giet issorvolata ukoll.

**It-Tielet Eccezzjoni**

Il-kawza odjerna hija msejsa fuq l-**Artikolu 77 et sequitur tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi dwar is-sitwazzjonijiet partikolari meta parti interessata trid taghraf it-tarbija imwielda mill-mara ta' ragel iehor. Dawn huma jekk bejn it-300 jum u l-180 jum qabel it-twelid tal-wild hu kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu; jekk fl-istess zmien kien mifrud minnha *de facto* jew legalment; jekk fl-istess zmien jipprova li l-omm kkommettiet adulterju. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita'.
Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu d-dikjarazzjoni tal-omm li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel.

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-
**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;

(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;

(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;

(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, *"l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile"* (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Bl-azzjoni proposta r-rikorrent qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 intqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet " **Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrentipprezenta kawza biex jigi rikonoxxut bhala missier it-tarbija, li twieldet frott ta' relazzjoni li kellu mal-intimata C, li f'dak iz-zmien kienet ghadha mizzewwga lill-intimat B . Kien jehtieg li r-rikorrent jipprova li t-tarbija hija tieghu, minhabba l-impossibilita' fizika li l-intimata u zewgha ghexu flimkien bejn it-300 u 180 jum qabel ma

twieldet it-tarbija. Madanakollu, il-ligi stess, dejjem ghandha l-interess li zzomm l-istat tal-minuri stabbli u ma ccahhadix mill-familja li fiha kienet qed titrabba, pero', ir-rikorrent ipprezentat il-konkluzzjonijiet tat-testijiet tad-DNA mhejjin minn Dr. Marisa Cassar, fejn indubbjament, l-minuri D tirrizulta bint ir-rikorrent. Inoltre, C ressqet affidavit taghha fejn indikat lir-rikorrenti bhala l-missier tal-minuri, fatt ukoll li gie accettat minn B u bl-ebda mod oppost minnu. Ghalhekk inevitabbilment, il-presunzjoni legali taht l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet meghluba.

**<u>Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-</u>**

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara lir-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri D;
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-minuri D, kif mitluba;
3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet hawn fuq imsemmija.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn ir-rikorrent u l-intimata C fi kwoti indaqs.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**